

2) L-ispejjeż huma rriżervati.

⁽¹⁾ ĠU C 189, 29.06.2013.

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tas-6 ta' Frar 2014 – El Corte Inglés, SA vs L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

(Kawża C-301/13 P) ⁽¹⁾

(Appell — Trade mark Komunitarja — Regolament (KE) Nru 207/2009 — Artikolu 8(1)(b) — Trade mark verbali CLUB GOURMET u CLUB DEL GOURMET — Oppożizzjoni miċħuda — Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja — Artikolu 181 — Appell parzjalment manifestament inammissibbli u parzjalment manifestament infondat)

(2014/C 175/21)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: El Corte Inglés, SA (rappreżentanti: J. L. Rivas Zurdo u E. Seijo Veiguela, avukati)

Parti oħra fil-proċedura: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: O. Mondéjar Ortuño, aġent)

Suġġett

Appell mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali (Ir-Raba' Awla) tal-20 ta' Marzu 2013, El Corte Inglés vs UASI – Chez Gerard (CLUB GOURMET)(T-571/11), li biha l-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI tat-28 ta' Lulju 2011 (Każ R 1946/2010-1), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn El Corte Inglés, SA u Groupe Chez Gerard Restaurants Ltd

Dispożittiv

- 1) L-appell huwa miċħud.
- 2) El Corte Inglés SA hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 207, 20.07.2013.

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tat-30 ta' Jannar 2014 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Polymeles Protodikeio Athinon – Il-Greċja) – Warner – Lambert Company LLC, Pfizer Ελλάς AE vs SiegerPharma Anonymi Farmakeftiki Etaireia

(Kawża C-372/13) ⁽¹⁾

(Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja — Domandi preliminari magħmula identiċi għal domandi li fuqhom il-Qorti tal-Ġustizzja diġà adottat deċiżjoni — Ftehim dwar l-aspetti tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali relatati mal-kummerċ (TRIPS) — Artikolu 27 — Oġġett li jista' jiġi protett bi privattiva — Artikolu 70 — Protezzjoni ta' oġġetti eżistenti)

(2014/C 175/22)

Lingwa tal-kawża: il-Grieg

Qorti tar-rinviju

Polymeles Protodikeio Athinon